MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 10/2009

**A B, f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C D**

**-vs-**

**D. Renzo Porsella Flores u il-P.L. Victor Bugeja nominati b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Lulju 2008 bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti E F G D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B pro et noe fejn din ippremettiet:

Illi fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), l-esponenti welldet tifel C D minn relazzjoni barra miz-zwieg mal-intimat assenti E D G kif jirrizulta mill-anness certifikat **Dok A;**

Illi l-intimat abbanduna il-pajjiz sa’ minn Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u l-esponenti baqghet hi wahedha tiehu kull responsabbilita’ ghall-binhom minuri C minghajr ebda ghajnuna u interess muri mill-istess initmat kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi inoltre hija l-istess rikorrenti li sa mill-bidu nett hadet kura u responsabbilita’ ta’ binha u minn dejjem hadet hi d-decizjonijiet importanti ghat-trobbija tal-minuri inkluzi dawk tas-sahha, edukazzjoni u religjon.

Illi l-intimat qatt ma ikkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri u qatt ma kien involut fit-trobbija tal-istess minuri.

Illi t-tifel lanqas biss jafu lil missieru.

Illi l-esponenti hija l-persuna l-iktar idonea fost il-kontendenti biex tiehu dawk id-decizjonijiet kollha importanti ghall-ahjar gid tat-tifel fosthom dawk li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni, safar u domicilju, u amministrazzjoni ta’ proprjeta’ u wirt.

Illi huwa fl-interess tal-minuri li l-esponenti tigi awtorizzata tiehu dawk id-decizjonijiet kollha mehtiega fl-ahjar interess tieghu wahedha bid-drittijiet u bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorita’ tal-genitur skond il-Ligi.

Illi l-intimat baqa’ inadempjenti fl-obbligazzjonijiet imposti fuqu bhala genitur bil-Ligi, senjatament l-obbligazzjonijiet imposti a tenur tal-Artikolu 3B tal-Kodici Civili ta’ Malta (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi l-agir tal-intimat ghandu iwassal ghad-dekadenza tieghu mis-setghat li ghandu bhala genitur b’mod partikolari a tenur tal-artikolu 154 tal-Kodici Civili ta’ Malta (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan ghall-ahjar gid u interess ta’ l-istess minuri.

Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega biex tistitwixxi dawn il-proceduri skond il-Ligi (Dokumenti **B u C**).

Jitolbu ghalhekk ir-rikorrenti lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tordna it-tnehhija tal-intimat mis-setghat u jeddijiet kollha li ghandu bhala genitur tal-minuri C D skond il-Ligi u partikolarment bl-applikazzjoni tal-artikolu 154 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta ossia minn xi uhud taghhom skond l-ahjar interess tal-minuri;

2. Tvesti dawn is-setghat u jeddijiet hekk imnehhija tal-awtorita' tal-genitur fir-rigward tal-minuri C D f'idejn ir-rikorrenti A B wahedha b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern.

3. Tawtorizza minghajr pregudizzju ghall-generalita' tat-talba precedenti, sabiex fuq applikazzjoni taghha wahedha, tottjeni l-hrug ta' passaport ghall-minuri imsemmi kif ukoll sabiex issiefer lill-istess minuri.

4. Taffida formalment il-kura u kustodja tal-minuri lir-rikorrenti.

5. Tordna li f'kaz li jigi stabbilit access ghall-intimat mal-minuri, dan ghandu isehh f'Malta b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xieraq fl-ahjar interess u sigurta' tal-minuri.

Rat id-digriet tat-22 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu gew nominati Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati ghall-assenti.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi deputati, fejn dawn eccepew:

Illi huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza u hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif utli – l-aktar l-indirizz ta' E F G D, li ghalih inhatru biex jidhru – huma jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu mieghu.

Rat l-affidavit tal-istess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Ottubru fejn Dr.Renzo Porsella Flores irrimetta ruhu ghall-provi.

Rat id-dokumenti kollha.
Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat li f’din il-kawza r-rikorrenti qed titlob li jkollha setgha fuq binha minuri ad eskluzjoni ta’ missier l-istess minuri u dan minhabba li l-istess minuri gie abbandunat. L-affidavit tar-rikorrenti fil-kuntest huwa car u estensiv.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma ssib ebda diffikulta’ tilqa’ t-talbiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tvesti s-setghat kollha ta’ genitur, fir-rigward ta’ C D, f’idejn ir-rikorrenti A B.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tawtorizza l-hrug ta’ passaport ghall-minuri.

4. Tafda l-kura u kustodja f’idejn ir-rikorrenti.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat b’dana illi provvisorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------